**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 678/2020 AF**

**ST Hotels Limited (C-78678)**

**vs**

**Calice Rosso Limited (C-81795)**

**Pablo Esposito**

**Maria Carriero**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' ST Hotels Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fit-30 ta' Awwissu tas-sena 2018, is-socjetà intimata kriet il-fond li jgib in-numru 141, The Strand, Gzira, minghand is-socjetà attrici versu l-kirja ta' mija u tmenin Ewro (€180) kuljum ghall-ewwel sitt xhur tal-kirja, mitejn Ewro kuljum (€200) ghat-tieni sitt xhur tal-kirja u mitejn u ghoxrin Ewro kuljum (€220) ghall-bqija tal-kirja, bil-kundizzjoni li tali kirja tizdied b'10% mill-15 ta' Ottubru tas-sena 2020, permezz ta' kuntratt ta' lokazzjoni, hawn anness u mmarkat bhala "Dok. A".

Is-socjetà Calice Rosso Limited (C-81795) hija l-inkwilin tal-fond surriferit filwaqt illi Pablo Esposito detentur tal-karta tar-residenza li ggib in-numru 0127541A u Maria Carriero detentrici tal-karta tar-residenza li ggib in-numru 127546A, dehru flimkien fil-kapacità taghhom personali bhala *guarantors* fuq l-istess kuntratt ta' lokazzjoni.

L-intimati naqsu milli jonoraw il-kuntratt surriferit minhabba illi f'April tas-sena 2020 ma baqghux ihallsu il-kirjiet dovuti lill-konvenut u lanqas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, hekk kif dedott fl-imsemmi kuntratt ta' kera minnhom esegwit.

L-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jaddivjenu ghall-hlas tal-pendenzi naxxenti mill-kirjiet tal-fond msemmi izda nonostante dan, huma baqghu inadempjenti f'dan ir-rigward.

Il-kuntratt imsemmi, jimponi penali ta' seba' mitt Ewro (€700) *per diem* fuq l-inkwilin u l-*guarantors* surriferiti, meta dawn tal-ahhar ma jhallsux il-kirja dovuta, u din tibqa' mhux imhallsa ghal sebat'ijiem mid-data illi tkun hekk dovuta. Inoltre l-penali msemmija ser jibqghu jiddekorru pendenti l-ezitu tal-kawza odjerna.

Inoltre Pablo Esposito detentur tal-karta tar-residenza li ggib in-numru 0127541A u Maria Carriero detentrici tal-karta tar-

residenza li ggib in-numru 127546A huma effettivament responsabbli wkoll ghall-hlas tal-pendenzi msemmija.

In vista tas-suespost, l-intimati gew servuti b'mandat ta' sekwestru.

Sussegwentement l-intimati ltaqghu mar-rapprezentanti tas-socjetà attrici fejn fid-dawl tal-pendenzi msemmija u s-socjetà attrici ppruvat tasal ghal ftehim amikevoli mal-intimati.

Anki wara illi rapprezentanti tas-socjetà taw lill-intimati skont fuq il-pendenzi dovuti, dawn tal-ahhar regghu baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant is-socjetà attrici ma kellha l-ebda alternattiva ghajr li tistitwixxi dawn il-proceduri gudizzjarji sabiex tissalvagwardja d-drittijiet tagha naxxenti mill-imsemmi kuntratt.

Is-socjetà ST Hotels Limited (C-78678) kif ukoll ir-rapprezentant guridiku taghha Michael Stivala jafu personalment b'dawn il-fatti kollha.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tillikwida d-danni u l-ispejjez sofferti ghar-ragunijiet premessi hekk kif javveraw fid-data tad-decizjoni moghtija minn din l-Onorabbli Qorti u sussegwentement tiddikjara illi s-socjetà konvenuta, hija debitrici tas-socjetà attrici.

2. Tikkundanna konsegwenzjalment lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lis-socjetà attrici s-somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-imghax mid-data illi l-ammont mitlub sar dovut u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, li jinsabu minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta mahlufa tas-socjetà konvenuta Calice Rosso Limited, li permezz taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament, is-socjetà esponenti tirrileva illi hija ma gietx notifikata b'kopja tar-rikors guramentat, izda ghal xi raguni giet notifikata biss bi traduzzjoni tal-istess.  Minkejja li sal-prezent, l-esponenti ma hijiex debitament notifikata bir-rikors guramentat skond il-ligi, l-esponenti qeghda prezentement tipprezenta din ir-risposta a bazi tat-traduzzjoni li waslitilha b'rizerva ghad-dritt illi tressaq eccezzjonijiet ulterjuri.

Ukoll in linea preliminari, it-talbiet attrici huma proceduralment insostenibbli ghaliex ma jikkombaccjawx mad-dikjarazzjonijiet u r-ragunijiet moghtija fil-premessi tar-rikors guramentat, b'dan illi r-rikors guramentat huwa nieqes mir-rekwiziti mehtiega ai termini tal-Artikolu 156(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll in linea preliminari, qed tigi sollevata l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti biex tisma' u tiddeciedi r-rikors fl-ismijiet premessi in kwantu l-vertenza si tratta skrittura ta' lokazzjoni u pendenzi u/jew danni pretizi mis-socjetà attrici in konnessjoni mal-istess.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, it-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront tal-kumpannija esponenti ghandhom jigu respinti fit-totalità taghhom stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u senjatament minhabba s-segwenti ragunijiet:

i. Illi s-socjetà attrici kienet inadempjenti fl-obbligi taghha emanenti mill-iskrittura ta' lokazzjoni in kwistjoni u/jew skond il-ligi, u ghaldaqstant l-ebda kirjiet, penali, danni u/jew ammonti ohra pretizi skond l-imsemmija skrittura ma huma dovuti mill-esponenti.  Dwar din l-inadempjenza l-esponenti ser tressaq proceduri quddiem il-Bord kompetenti.  Ghaldaqstant, is-socjetà attrici m'ghandha l-ebda jedd titlob xi hlasijiet minghand l-esponenti.  Ad oltranza, hija s-socjetà esponenti illi nkorriet danni ngenti wara li ghamlet nefqa qawwija fil-fond in kwistjoni sabiex dan ikun jista' jintuza minnha

waqt il-perjodu tal-lokazzjoni, u sussegwentement irrizultalha li l-fond ma setax jintuza *inter alia* minhabba diversi mankamenti u/jew difetti fil-fond.

ii. In ogni kaz u minghajr pregudizzju, ma huwiex minnu li s-socjetà attrici soffriet xi danni, partikolarment peress li, minn informazzjoni illi ghandha l-esponenti, l-fond mertu tal-kwistjoni rega' nkera minnufih, addirittura qabel ma s-socjetà attrici gabret lura c-cwievet tal-fond.

iii. Minghajr pregudizzju ghall-premess, kemm il-darba s-socjetà attrici sofriet xi danni, l-esponenti ma hijiex responsabbli ghall-istess.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn imsemmija u hekk kif ser jigi elaborat matul is-smiegh tal-proceduri odjerni, it-talbiet tas-socjetà attrici ghandhom jigu michuda fit-totalità taghhom minn dina l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi provvedimenti illi jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond kif tippermetti l-ligi.

Bl-ispejjez konta l-atturi illi minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuti Pablo Esposito u Maria Carriero, li permezz taghha gie eccepit illi:

L-ewwel nett, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet segwenti, l-intimati mhumiex il-legittimi kontraditturi stante illi ma jippossedux interess guridiku fil-kwistjoni odjerna.

Kif sejjer jigi ppruvat, l-irwol tal-intimati bhala garanti tas-socjetà Calice Rosso Limited ghall-obbligazzjonijiet emanenti mill-iskrittura ta' lokazzjoni prezentata mis-socjetà attrici mar-rikors promotur (datata 30 ta' Awwissu 2018, minn issa 'l quddiem imsejha 'L-Ewwel Skrittura') gie tterminat f'Mejju tas-sena 2020, u minn dak iz-zmien 'l hawn, l-intimati ma baqghux vestiti fil-kapacità ta' garanti tas-socjetà Calice Rosso Limited.

Inoltre, filwaqt li s-socjetà attrici rreferiet ghall-Ewwel Skrittura, naqset, b'ommissjoni qarrieqa, milli taghmel referenza ghal

skrittura privata ohra ffirmata bejn is-socjetà attrici u s-socjetà Calice Rosso datata Mejju 2020 (‘It-Tieni Skrittura’), liema skrittura emendat u mmodifikat partijiet mill-Ewwel Skrittura. Peress li l-intimati ma kienux ghadhom garanti tas-socjetà Calice Rosso Limited, bi qbil mis-socjetà attrici, l-intimati ma gewx imsejha biex jidhru fuq it-Tieni Skrittura. Ghaldaqstant dan ikompli jikkonferma illi mhux biss kien hemm kunsent bejn il-partijiet kollha koncernati, izda sahansitra kien hemm rikonoxximent illi l-intimati jigu zvestiti mir-rwol taghhom ta’ garanti tas-socjetà Calice Rosso Limited.

Barra minn hekk, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif sejjer jigi ppruvat, it-talbiet tas-socjetà attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux biss id-debitu pretiz mhuwiex dovut ghal ragunijiet illi sejrin jigu spjegati tul il-proceduri, imma anki peress illi l-intimati mhumiex debituri tas-socjetà attrici.

Fi kwalunkwe kaz, il-penali mitluba mis-socjetà attrici (kif anke manfestat f’zewg mandati ta’ sekwestri kawtelatorji bin-numri 769/2020 u 1423/2020 rispettivament fl-ammont globali ta’ iktar minn €260,000 huma mhux biss totalment sproporzjonati imma jikkostitwixxu uzura stante illi l-ammont mitlub huwa eccessiv b’tali mod illi jmur kontra l-ordni pubbliku, u ghalhekk illegali u ntiz biss biex jippregudika lill-intimati u abbuzivament igieghel lill-intimati jottempraw ma’ talba li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi biex tichad it-talbiet tas-socjetà attrici fl-intier taghhom, bl-ispejjez.

Salv kull eccezzjonijiet ulterjuri spettanti lill-intimati kif permess mil-ligi.

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta’ Novembru 2020 il-konvenuti Esposito u Carriero talbu li jressqu eċċezzjoni ulterjuri dwar in-nuqqas ta’ kompetenza ta’ din il-Qorti kif adita.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenuti Pablo Esposito u Maria Carriero li permezz taghha eċċepew illi:

Fis-seduta ta' nhar il-25 ta' Novembru 2020, fuq talba tal-esponenti, din l-Onorabbli Qorti awtorizzat il-prezentata ta' eccezzjoni ulterjuri tan-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti, kif debitament jirrizulta mill-verbal hawn anness u mmarkat "Dok. A".

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, u in vista tal-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, permezz ta' din ir-risposta ulterjuri, l-esponenti Pablo Esposito u Maria Corriero qeghdin jintavolaw din l-eccezzjoni ulterjuri li permezz taghha jecepixxu, in addizzjoni mal-bqija tal-eccezzjonijiet digà sollevati fir-risposta guramentata debitament prezentata, illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex kompetenza illi tisma' u tiddeciedi dan ir-rikors u ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra permessibbli skond il-ligi.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum limitatament dwar l-eċċezzjoniji tal-konvenuti kollha dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta Calice Rosso Ltd (C-81795).

Rat illi minkejja l-fakoltà lilhom konċessa, la s-soċjetà attriċi u lanqas il-konvenuti l-oħra ma ressqu nota ta' sottomissjonijiet finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' arretrati ta' kera u kontijiet tad-dawl u ilma. L-atturi jippremettu illi permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Awwissu 2018, is-soċjetà konvenuta Calice Rosso Limited bdiet tikri mingħad is-soċjetà attriċi il-fond fl-indirizz 141, The Strand, Gżira skont it-termini u kundizzjonijiet, inkluż dawk dwar il-*quantum* tal-kera, kif aħjar imfissra fl-istess ftehim. Il-kontenut ta' dik l-iskrittura u t-termini speċifiċi dwar il-ħlas tal-kera huwa rrelevanti għall-fini tad-deċiżjoni *in parte* li

sejra tingħata permezz ta' din is-sentenza.  Semmai ikun il-każ din il-materja għandha tingħata d-debita konsiderazzjoni fil-qafas ta' deċiżjoni dwar il-mertu.

Għal dak illi jolqot direttament il-kwistjoni li trid tiġi tratta u deċiża llum, jirriżulta illi l-kwistjoni bejn il-partijiet hija naxxenti minn kuntratt ta' lokazzjoni li waqt illi kien rispettat għal xi żmien, minn April 2020 'il quddiem ma baqghax aktar jiġi osservat bil-konsegwenza li l-kera ma komplietx titħallas u s-soċjetà attriċi kienet kostretta tipproċedi legalment fil-konfront tal-intimati sabiex titħallas id-dovut.

Il-konvenuti kollha eċċepew illi din il-Qorti kif adita m'għandiex il-kompetenza *rationae materiae* sabiex tisma' u tiddeċiedi din il-kawża għaliex trattandosi ta' kwistjoni ta' kera huwa l-Bord li Jirregola l-Kera li ai termini tal-Artikolu 1525 tal-Kap 16 għandhu l-kompetenza esklussiva sabiex jiddeċiedi tali kwistjonijiet.

Konsegwenti għad-dħul fis-seħħ tal-Att XXVIII tal-2019 ġew emendati d-disposizzjonijiet introdotti bis-saħħa tal-Att X tal-2019 dwar il-kompetenza esklussiva estiża tal-Bord li Jirregola l-Kera.  Ta' rilevanza għall-vertenza odjerna huma l-Artikolu 1525(1) tal-Kap 16 u l-Artikolu 16(4) tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri, Kap. 69.

L-Artikolu 1525(1) tal-Kap 16 jaqra hekk:

> *"Il-Bord li Jirregola l-Kera (hawn aktar 'il quddiem msejjaħ''il-Bord tal-Kera'') maħtur bis-saħħa tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini* ***għandu jiddeċiedi l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummerċjali, inkluż kawzī li jirrigwardaw l-okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn dawn il-kirjiet ikunu ntemmu u kwalunkwe ħsara li tirriżulta matul dak il-perjodu ta' okkupazzjoni****. Kirjiet oħra jaqgħu taħt il-kompetenza tal-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili u fil-każ ta' kiri ta'raba' għandhom jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' maħtur bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'."*

Din id-disposizzjoni hija replikata fl-artikolu 39 (5) tal-Att 'X' tal-2009 fid-disposizzjonijiet transitorji.

L-artikolu 38 (a) tal-Att 'X' tal-2009 jipprovdi subartikolu ġdid wara l-artikolu 16 (3) tal-Kapitlu 69, l-artikolu 16 (4) li jaqra hekk:

> "(4) *Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-Bord għandu wkoll jiddeċiedi* ***l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummerċjali udan għat-termini ta' Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, Fuq il-Kuntratti tal-Kiri, inklużi kawżi dwar okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn il-kirjiet ikunu ntemmu wara t-terminazzjoni ta' kirja u kwalunkwe ħsara li tirriżulta matul dan il-perjodu ta' okkupazzjoni ....***"

Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et tas-7 ta' Ottubru 1997:

> "*Illi huwa paċifikament aċċettat illi l-kompetenza ta' Qorti hi determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eċċezzjoni mogħtija mit-termini tal-azzjoni attriċi. Hu l-att promotur kif intavolat it-talbiet u l-premessi tagħhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha teżerċita l-ġudizzju tagħha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza tagħha*."

Riferibbilment għall-kwistjoni tal-kompetenza tal-Qrati ordinarji fejn si tratta dwar kwistjonijiet ta' kera, fis-sentenza fl-ismijiet Catherine Darmanin et vs Miriam Cutajar Fiorini et deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-16 ta' Dicembru 2015 ingħad illi:

> "*L-emendi fil-ligi tal-kera kienu ntizi biex ir-regola tkun il-Bord li Jirregola l-Kera jkollu l-kompetenza li jisma' kull kwistjoni konnessa ma' kirja ta' fond urban, fond ta' abitazzjoni u fond kummercjali u illi hi l-eccezzjoni li l-Bord jiddeklina l-gurisdizzjoni tieghu. Sahansitra l-artikolu 39(4) tal-Att X tal-2009 jghid li l-Bord li Jirregola l-Kera ghandu jkollu gurisdizzjoni esklussiva li jiddeciedi kwistjonijiet*

*konnessi ma' kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu kemm fondi kummercjali kif ukoll residenzjali*."

In segwitu għad-dħul fis-seħħ tal-Att X tal-2009 kien hemm perijodu ta' żmien fejn il-Qrati tagħna taw interpretazzjonijiet konfliġġenti għal dak illi għandu x'jaqsam mal-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet ċitati. Madanakollu, jidher illi ġa qabel l-introduzzjoni tal-kjarifika permezz tal-Att XXVIII tal-2019, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) kienet diġà ċċarat il-kwistjoni tal-kompetenza permezz ta' tlett sentenzi li lkoll ġew mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2015. Fis-sentenza fl-ismijiet Salvatore Bartolo et vs Anthony Deguara et il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tat spjegazzjoni pjuttost eżawrjenti dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lid-disposizzjonijiet ċitati aktar 'l fuq. Ingħad hekk:

"*Il-qorti rat id-dibattiti parlamentari u tistqarr li dwar din il-materja ma sabet l-ebda ispirazzjoni ghajr li l-Ministru tal-Politika Socjali li pprezenta l-ligi qal:-*

*"Materji li għandhom x'jaqsmu mal-kirjiet ma jibqgħux taħt id-diskrezzjoni tal-qrati imma jibdew jaqgħu taħt il-kompetenza tar-Rent Regulation Board. L-eċċezzjoni tkun li dawk il-kawżi li nfetħu qabel din il-liġi jibqgħu taħt il-kompetenza tal-qrati" (seduta tal-10 ta' Dicembru 2008, seduta numru 66).*

*Fil-white paper li kienet titratta l-ligijiet tal-kera tohrog car x'kienet l-intenzjoni tal-Gvern li ressaq il-ligi fir-rigward tal-Bord:*

"*Ir-regolamentazzjoni u l-governanza tas-suq tal-kera ghandhom jitqieghdu taht entita wahda biex ikun zgurat li jkun hemm strument effettiv ghal soluzzjonijiet legali f'materji ta' din ix-xorta, u f'dan ir-rigward ghandha <u>tinghata gurisdizzjoni shiha lill-Bord ghar-Regolamentazzjoni tal-Kera li ghandu jkun ristrutturat</u>" ... Fl-Att X tal-2009 hemm xejn inqas minn tliet provvedimentli li jittrattaw is-suggett dwar il-kompetenza tal-Bord, u cjoe' l-Artikoli 2, 38 u 39(5). Fatt li ma jghin xejn u anzi jidher li serva biex holoq incertezza. Dan apparti li f'dawn l-istess provvedimenti hemm*

*sitwazzjonijiet fejn it-test Ingliz ma jirriflettix t-test Malti ... L-Artikolu 1525 jipprovdi li l-Bord hu kompetenti jiddeciedi "kwistjonijiet konnessi ma' kuntratti ta' kiri". Din id-disposizzjoni ma taghmilx distinzjoni bejn kirjiet in vigore u ohrajn li ntemmu ..."*

L-istess prinċipju ġie ribadit mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenzi tagħha tas-16 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet Trevor Buttigieg vs Martin John Easby et u Margaret Onanda Constance York vs Simon Gatt noe.

Il-kawża in diżamina ġiet ippreżentata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi li ntroduċa l-Att XXVIII tal-2019. It-talba attriċi hija għall-ħlasijiet relatati ma' kwistjonijiet li kollha kemm huma jaqgħu fil-kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera u għaldaqstant, din il-kawża għandha tiġi deċiża mill-istess Bord.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta Calice Rosso Limited u l-eċċezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti Pablo Esposito u Maria Carriero u tiddikjara illi m'għandhiex kompetenza *ratione materiae* sabiex tisma' l-kawża li minflok għandha tinstema' mill-Bord li Jirregola l-Kera.

Il-Qorti tibgħat l-atti lura lir-Reġistratur sabiex il-kawża tkompli tinstema' u tinqata' mill-Bord li Jirregola l-Kera.

L-ispejjeż sa issa jithallsu mis-soċjetà attriċi ST Hotels Limited.

IMHALLEF

DEP/REG